# IL-PJAN TAL-LEZZJONI

## Kap 2: Alla Jaħdem fl-Istorja

## Lezzjoni 2.6: L-Istorja tal-Knisja fis-seklu għoxrin

### L-Għanijiet:



### L-istudenti:

1. Jiddiskutu min jistgħu jkun dawn l-istilel illum.
2. Jisimgħu dwar Papa Ġwanni 23.
3. Jisiltu mill-ħajja tiegħu dawk l-affarijiet li għamluh tant persuna kbira.
4. Jifhmu l-ġid li għamel għall-Knisja u għad-dinja.

### Ir-riżorsi għal-lezzjoni:

- Powerpoint: Il-Papa Ġwanni XXIII
- Vidjow Klipp: Pope John XXIII

  http://www.youtube.com/watch?v=unI8gWi1W10
- Karta ta' Taħriġ 2.5



## Naqsmu flimkien - Introduzzjoni u d-diskussjoni tal-bidu



- Ibda l-lezzjoni billi turi l-istampa tal-Papa Ġwanni XXIII.
- Ħalli l-istudenti jiddiskrivu dak li qed jaraw.
- Oħroġ minn din id-deskrizzjoni: il-fattizzi tiegħu, xi jkun Papa (suċċessur ta' San Pietru), fejn jgħix il-Papa, min hu l-Papa preżenti u dan il-Papa preżenti minn liema pajjiż ġej.

## Nisimgħu flimkien (Il-pjan tal-lezzjoni)

- Agħti ftit informazzjoni (http://en.wikipedia.org/wiki/Pope_John_XXIII) dwar dan il-Papa u oħroġ dawn il-punti importanti:



Għalkemm id-dehra tiegħu ma tantx tiġbdek, kien Papa li kien jattira ħafna nies bit-tjubija tiegħu.

Ismu propja kien Angelo Giuseppe Roncalli.

Kien ir-4 tifel fost 14 u twieled fl-Italja fil-villaġġ Sotto il Monte.

Kien ġej minn familja tal-bdiewa u għalhekk biex trabba għadda minn ħafna tbatijiet.

Fl-Ewwel Gwerra Dinjija kien surġent fil-Korp mediku u kien jgħin ħafna bħala Kappillan. Fil-Gwerra kontra l-Lhud (l-olokawst) ħadem ħafna biex ħafna refuġjati fosthom Lhud li kienu jinkludu kbar u anki tfal, ġew salvati minn taħt idejn in-Nażi.

Laħaq Papa ta’ 77 sena u l-Kardinali għażluh għax qalu li dan ħa jdum ftit.

Kien l-ewwel Papa li kien joħroġ barra mill-Vatikan u jżur l-isptarijiet u l-ħabsijiet ta’ Ruma.

Kellu drawwa li filgħaxija joħroġ barra mill-Vatikan, idur it-toroq fid-dlam u qalgħuhielu Johnny Walker.

Ħadem ħafna favur l-ugwaljanza u kien jgħid: “We are all made in God’s image and thus we are all Godly alike”.

Agħmel riformi kbar fil-Knisja permezz tal-Konċilju Vatikan it-Tieni.

Baqa’ msemmi għall-ħniena li wera, għall-intelliġenza u għall-imħabba li kellu lejn kull bniedem.

Dam Papa 4 snin għax miet ta’ 81 sena.

- Iftaħ il-ktieb tal-attivitajiet 2.5. Aqra u spjega s-silta mogħtija u fuq bażi ta’ klassi imla Attività A u B.

Attività A: Angelo – Taljan – tal-bdiewa - obdi u jkollok il-paci- Piju XI - Piju XII – l-età - ħanin- il-ħabsin – il-Kon. Vat. 2 – mill-isqfijiet.

Attività B: li jilħaq wara jew jieħu post ħaddieħor - Vatikan- Papa Frangisku – Argentina.

- Aqra Attività Ċ u oħloq diskussjoni għal din l-attività.

- Agħlaq il-lezzjoni billi tispjega l-fatt li fil-ħajja kulħadd xi darba naqas lil xi ħadd u allura m’għandniex inżommu f’qalbna u min ikollu bżonn l-għajnuna nagħtuhielu.

## Nikbru flimkien (Il-punti saljenti)

1. Isem il-Papa Ġwanni 23 kien Angelo Giuseppe Roncalli u kien minn Sotto il Monte, l-Italja.
2. Kien ġej minn familja tal-bdiewa u għalhekk trabba fil-faqar.
3. Ħadem ħafna fl-Ewwel Gwerra Dinjija biex isalva ħafna nies, speċjalment Lhud minn taħt in-Nażi.

5. Laħaq Papa ta' 77 sena u kien l-ewwel Papa li kien joħroġ mill-Vatikan u jdur it-toroq ta' Ruma. Kien ukoll iżur sparijiet u ħabsijiet.
6. Kien persuna ta' ħniena kbira, tjubija u intelliġenza tant li kien hu li għamel riformi kbar fil-Knisja permezz tal-Koncilju Vatikan 2.
7. Miet meta kellu 83 sena.

## Nagħżlu flimkien (L-attitudni)

L-istudenti jitħarrġu f'li jkollhom qalbhom tajba u ma jżommux id-deni f'qalbhom.



## Niċċelebraw flimkien xi kant /drama/ DVD ecc

- Vidjo Klipp: Pope John XXIII

  http://www.youtube.com/watch?v=unI8gWi1W10



## Nitolbu

Sinjur Alla, għinni nkun kapaċi ma nieħux għalija ħalli l-paċi f'qalbi ma titwarrablix.

